



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2017
COM(2017) 134 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni

{SWD(2017) 112 final}

{SWD(2017) 113 final}

1 INTRODUZZJONI

Waħda mill-għaxar prijoritajiet tal-Kummissjoni mressqa mill-President Juncker¹ hija li jitneħħew l-ostakli għal suq uniku diġitali fl-Ewropa. Is-settur pubbliku, li jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-impjiegi kollha u jikkontribwixxi għal bejn wiehded u ieħor 20 % tal-PDG tal-UE permezz tal-akkwist pubbliku, għandu rwol ewlieni fis-suq uniku diġitali bħala regolatur, fornitur tas-servizzi u impjegatur.

L-Istati Membri qegħdin irendu l-amministrazzjoni pubblika tagħhom diġitali biex jiffrankaw il-ħin, inaqqsu l-kostijiet, iżidu t-trasparenza, u jtejbu kemm il-kwalità tad-dejta kif ukoll it-twettiq fil-prattika tas-servizzi pubbliċi. Madankollu, is-servizzi pubbliċi diġitali għadhom mhumieq realtà fl-Unjoni Ewropea, kif jidher mill-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali tal-2016 għall-Gvern elettroniku². Fir-rigward tas-servizzi transfruntiera fl-Unjoni, is-sitwazzjoni fiha aktar diffikultajiet billi għad hemm ostakli għall-aċċess tas-servizzi transfruntiera³.

Għad hemm potenzjal kbir biex is-servizzi pubbliċi jttejbu ulterjorment permezz ta' integrazzjoni u awtomatizzazzjoni totali, użu aħjar tas-sorsi affidabbli ta' informazzjoni, u l-ippubblikar fil-beraħ ta' dejta pubblika filwaqt li jkun żgurat li r-rekords taċ-ċittadini u tan-negozji jkunu trattati f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta sabiex tiżdied il-fiduċja. Is-servizzi pubbliċi nazzjonali għandhom ikunu kkollegati u jitwasslu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali sabiex ikun hemm interkonnessjoni mas-suq uniku diġitali. Sabiex dan iseħħ, għandu jkun hemm approċċ ikkoordinat, fil-livelli kollha, fil-waqt tat-tnejn tal-leġiżlazzjoni, tal-organizzazzjoni tal-proċessi operazzjonali min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, tal-ġestjoni tal-informazzjoni u meta s-sistemi tal-IT jiġu żviluppati biex jimplimentaw is-servizzi pubbliċi. Inkella l-frammentazzjoni diġitali li teżisti se tikber, u dan jipperikola l-offerta tas-servizzi pubbliċi kkollegati fl-UE kollha.

L-interoperabbiltà hija fattur ewlieni biex it-twettiq ta' trasformazzjoni diġitali jkun possibbli. Tippermetti lill-entitajiet amministrattivi li b'mod elettroniku jpartu bejniethom u maċ-ċittadini u man-negozji, informazzjoni sinifikanti b'modi li jinftiehem mill-partijiet kollha. Tindirizza s-saffi kollha li jħallu impatt fuq it-twettiq fil-prattika tas-servizzi pubbliċi diġitali fl-UE, inklużi:

- il-kwistjonijiet ġuridiċi, pereż. billi tiżgura li l-leġiżlazzjoni ma timponix ostakli mhux ġustifikati għall-użu mill-ġdid tad-dejta f'oqsma ta' politika differenti;

¹ Bidu Ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda Tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, Dikjarazzjoni ta' ftuħ fis-Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew, Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014.

² Il-punteġġ tal-Gvern elettroniku huwa ta' 55,4 % u joħroġ fil-beraħ li hemm diskrepanza sinifikanti bejn l-Istat Membru li kiseb l-ogħla punteġġ u dak li kiseb l-anqas punteġġ.

³ Kif ġie ddikjarat fir-rapport dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku għall-2014 fir-rigward tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt.

- l-aspetti organizzazzjonali, pereż. billi titlob ftehimiet formali dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għall-interazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet;
- it-tħassib dwar id-dejta/is-semantika, pereż. billi tiżgura l-użu ta' deskrizzjonijiet komuni tad-dejta skambjata;
- l-isfidi tekniċi, pereż. billi tistabbilixxi l-ambjent neċessarju ta' sistemi ta' informazzjoni sabiex ikun hemm fluss kontinwu ta' bits u bytes.

Diġà fl-1999⁴, il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa għall-interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u minn dakinhar 'il quddiem sostniet programmi għall-iżvilupp, il-promozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet interoperabbli fl-UE. Fl-2010 adottat Komunikazzjoni intitolata⁵ “Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej”, li fl-Annessi tagħha kienet tinkludi l-Istrateġija Ewropea għall-Interoperabbiltà⁶ (EIS) u l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà⁷ (EIF). Minn dakinhar 'l hawn, il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà serva bħala referenza fl-Unjoni kollha kemm hi u lil hinn minnha, u kien il-bażi ta' diversi oqfsa u strateġiji nazzjonali għall-interoperabbiltà (NIFs –national interoperability frameworks). Filwaqt li nimxu fuq il-passi ta' dan is-suċċess, issa wasal iż-żmien li naġġornaw u nestendu l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà li għandna bħalissa sabiex jinkorpora rekwiżiti ġodda jew riveduti ta' interoperabbiltà li jfeġġu minn linji ta' politika u programmi tal-Unjoni kif ukoll minn amministrazzjonijiet pubbliċi, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi u x-xejriet teknoloġiċi.

F'dan il-kuntest, wieħed ifakkar li l-Komunikazzjoni dwar Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa,⁸ tas-6 ta' Mejju 2015, tirrikonoxxi l-interoperabbiltà bħala prerekwiżit għal “*konnessjonijiet effiċjenti bejn il-fruntieri, bejn il-komunitajiet u bejn is-servizzi pubbliċi u l-awtoritajiet*” u tappella għar-reviżjoni u għall-estensjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà.

2 FEJN NINSABU U FEJN SEJRIN FIR-RIGWARD TAL-INTEROPERABBILTÀ

Il-programm (2010–2015) dwar is-Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA),⁹ u s-suċċessur tiegħu l-programm ISA² (2016–

⁴ Fl-1999, il-Kummissjoni nediet inizjattiva ddedikata għall-interoperabbiltà: Id-Deċiżjoni Nru 1719/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar serje ta' linji gwida, inkluża l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, għal networks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA).

⁵ COM(2010) 744 finali, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej”, Brussell, 16.12.2010.

⁶ COM(2010) 744 finali, Anness 1.

⁷ COM(2010) 744 finali, Anness 2.

⁸ COM(2015) 192 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, Brussell, 06.05.2015.

⁹ Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA).

2020),¹⁰ huma l-istrumenti ewlenin li permezz tagħhom ġiet implimentata l-Istrateġija Ewropea għall-Interoperabbiltà u l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ta' bħalissa. Dan involva diversi azzjonijiet li kellhom l-għan li jtejbu l-kollaborazzjoni diġitali bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa.

L-Osservatorju tal-Oqfsa Nazzjonali għall-Interoperabbiltà (NIFO) stabbilit mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programm ISA sabiex ikejjel il-progress u jwettaq monitoraġġ tas-sitwazzjoni attwali tal-interoperabbiltà fl-Unjoni indika li fl-2014, l-allinjament tal-oqfsa nazzjonali għall-interoperabbiltà mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà kien laħaq rata medja ta' 72 %¹¹. Madankollu, il-livell ta' implimentazzjoni tal-oqfsa nazzjonali għall-interoperabbiltà fi proġetti nazzjonali speċifiċi kien ta' 45 % fl-2015, li jindika li għad hemm xi diffikultajiet fir-rigward tal-implimentazzjoni Prattika tar-rakkomandazzjonijiet attwali.

L-amministrazzjonijiet pubbliċi jeħtieġu aktar gwida speċifika dwar kif jistgħu jtejbu l-governanza tal-attivitajiet ta' interoperabbiltà tagħhom, jistabilixxu relazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet, jissimplifikaw il-proċessi li jappoġġjaw is-servizzi diġitali totali, u jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti u dik ġdida ma tikkompromettix l-isforzi tal-interoperabbiltà. Din il-gwida qiegħda titressaq f'ġabra aġġornata ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-interoperabbiltà inklużi fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, kif stabbilit fl-Anness 2 ta' din il-Komunikazzjoni.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jgħinu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi biex:

- itejbu l-governanza nazzjonali tagħhom tal-attivitajiet ta' interoperabbiltà,
- jużaw mudelli operazzjonali komuni biex jiżviluppaw servizzi pubbliċi diġitali aħjar u jinkludu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji minn Stati Membri oħra tal-UE,
- jimmaniġġjaw id-dejta fil-pussess tagħhom f'formati semantiċi u sintattiċi komuni sabiex jagħmluha aktar faċli biex din tkun ippubblikata fil-portals, u biex tinġabar flimkien, tkun kondiviża u terġa' tintuża.

Ir-rakkomandazzjonijiet aġġornati dwar l-interoperabbiltà jevolvu biex iqisu l-linji ta' politika tal-UE bħad-Direttiva riveduta dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku,¹² id-Direttiva INSPIRE¹³ u r-Regolament eIDAS¹⁴.

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA²) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku.

¹¹ State of Play of Interoperability in Europe - Report 2014 (Is-sitwazzjoni attwali tal-interoperabbiltà fl-Ewropa – ir-Rapport 2014).

¹² 2003/98/KE, riveduta mid-Direttiva 2013/37/UE.

¹³ Id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE).

Inizjattivi ġodda tal-UE, bħall-Inizjattiva Cloud Ewropea,¹⁵ il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016–2020¹⁶ u dawk previsti bħall-Passarella Unika Diġitali,¹⁷ qegħdin jitqiesu wkoll sabiex ir-rakkomandazzjonijiet aġġornati dwar l-interoperabbiltà jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom.

Il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ġiet ikkonfermata matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni¹⁸ mal-partijiet ikkonċernati kollha, jiġifieri l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, iċ-ċittadini, in-negozji, u l-partijiet interessati l-oħra kollha bħall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni.

3 IL-ĦTIEĠA GĦAL QAFAS EWROPEW GĦALL-INTEROPERABBILTÀ ĠDID

Il-Kummissjoni, sabiex tindirizza l-isfidi identifikati fir-rigward tal-interoperabbiltà, f'din il-Komunikazzjoni tippreżenta Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ġdid u l-istrateġija biex timplimentah.

Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà l-ġdid jixħet aktar enfasi fuq kif il-prinċipji u l-mudelli tal-interoperabbiltà għandhom japplikaw fil-prattika u jqis il-ħtiġijiet relatati mal-politika u dawk teknoloġiċi li qegħdin ifeġġu. L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet żdied minn 25 għal 47. Sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, ir-rakkomandazzjonijiet huma magħmula aktar speċifiċi. Hemm lenti aktar qawwija fuq l-aċċess miftuħ u l-ġestjoni tal-informazzjoni, il-portabbiltà tad-dejta, il-governanza tal-interoperabbiltà u l-ġhoti ta' servizz integrat¹⁹.

L-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà hija mmexxija mill-viżjoni segwenti: “L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jipprovdu servizzi pubbliċi diġitali utentċentriċi interoperabbli ewlenin lin-negozji u liċ-ċittadini, fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, li jappoġġjaw il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tad-dejta

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.

¹⁵ COM/2016/0178 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompetittiva u ekonomija tal-ġarfien fl-Ewropa.

¹⁶ COM/2016/0179 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inhaflu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika.

¹⁷ Inizjattiva tas-suq uniku diġitali fl-ambitu tal-ġabra ta' azzjonijiet tal-Gvern elettroniku.

¹⁸ L-SWD(2017)113 relatat mar-rapport fil-qosor dwar l-attivitajiet ta' konsultazzjoni jindika li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE rreferew għall-ħtieġa għal Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ġdid biex (i) iqis ix-xejriet teknoloġiċi l-ġodda (73 %); (ii) jipprovdi gwida Prattika u aktar immirata għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà (73 %); u (iii) jallinja ruħu mal-evoluzzjoni tal-istrateġiji tal-UE, b'mod partikolari l-istrateġija tas-suq uniku diġitali (65 %).

¹⁹ L-SWD(2017)112 dwar ir-Reviżjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Analiżi, jagħti dettalji dwar iż-żieda fl-għadd ta' rakkomandazzjonijiet u l-valur miżjud tal-aġġornamenti.

fl-Unjoni kollha kemm hija”. Din il-viżjoni ġiet approvata b’mod wiesa’²⁰ mir-rappreżentanti tal-Istati Membri kkonsultati fil-kumitati ISA u ISA², mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, u minn partijiet ikkonċernati oħra.

Il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn pjan ta’ azzjoni dwar l-interoperabbiltà (kif stipulat fl-Anness 1), maqsum f’thames oqsma strateġiċi ta’ prijorità. Hija bbażata fuq il-prijoritajiet tal-interoperabbiltà li għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà matul l-2016–2020.

Il-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà għandu jiggwida l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistennija li jikkomplementaw l-azzjonijiet fil-livell tal-UE (identifikati fil-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà) b’azzjonijiet nazzjonali, u b’hekk jiżguraw il-koerenza, li hija indispensabbli biex l-applikazzjoni tal-interoperabbiltà fis-settur pubbliku fl-Unjoni tirnexxi. Il-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà jindirizza kwistjonijiet relatati mal-identifikazzjoni ta’ mekkaniżmi sodi għall-governanza tal-interoperabbiltà fil-livell nazzjonali u bejn il-fruntieri, il-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet, l-impenn tal-partijiet ikkonċernati, u s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-interoperabbiltà. Ikopri wkoll l-iżvilupp, it-titjib u l-promozzjoni tal-istrumenti ta’ appoġġ u tal-fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-utenti aħħarin.

4 L-OQSMA TA’ PRIJORITÀ

4.1 L-iżgurar tal-governanza, tal-koordinazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-inizjattivi fir-rigward tal-interoperabbiltà

It-tweqqif tal-interoperabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jirrikjedi entitajiet ta’ governanza u ta’ koordinazzjoni, u proċessi għall-ippjanar, għall-implimentar u għall-użu ta’ soluzzjonijiet ta’ interoperabbiltà, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fl-Unjoni.

F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom rwol doppju:

- i. li jmexxu, jikkoordinaw u jikkondividu l-inizjattivi kollha tal-interoperabbiltà²¹ fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni bl-għan li jiżguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jsegwu l-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà,²²

²⁰ L-SWD(2017)113 relatat mar-rapport fil-qosor dwar l-attivitajiet ta’ konsultazzjoni jindika li 87 % fost dawk li wiegħu qablu ma’ din il-viżjoni.

²¹ L-inizjattivi tal-interoperabbiltà għandhom ikunu intiżi bħala azzjonijiet u soluzzjonijiet (jiġifieri oqfsa, servizzi u għodod) li jikkontribwixxu għat-titjib tal-interazzjonijiet bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fil-livelli kollha, inklużi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-għarfien bejn l-organizzazzjonijiet. Dawn l-inizjattivi għandhom ikopru kull livell ta’ interoperabbiltà: ġuridiku, organizzattiv, semantiku u tekniku.

²² Il-prinċipju ta’ proporzjonalità jqiegħed limitu fuq l-azzjoni tal-UE għal dak li huwa neċessarju għall-kisba ta’ objettivi politiċi miftiehma. Dan ifisser li l-UE se tagħżel soluzzjonijiet li jagħtu kemm jista’ jkun libertà lill-Istati Membri.

- ii. biex irawmu kooperazzjoni aħjar fost il-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni u jgħibu fix-xejn il-kompartimenti organizzattivi u diġitali li għad baqa’.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà. Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà permezz tal-programm ISA²³.

Il-programm ISA² se jaqdi rwol ewlieni biex soluzzjonijiet ta’ interoperabbiltà li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi jkunu żviluppatti, stabbiliti, immaturati, operati, użati mill-ġdid, imtejba u mogħtija promozzjoni. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Programm ISA², se tiżgura li jkun hemm governanza kif suppost tal-interoperabbiltà, se tikklassifika u se tippromwovi s-soluzzjonijiet ta’ interoperabbiltà, u se tikkkoordina l-bosta inizjattivi ta’ interoperabbiltà tal-UE²⁴.

4.2 L-iżviluppar ta’ soluzzjonijiet ta’ interoperabbiltà għall-organizzazzjonijiet

In-negozji u ċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi pubbliċi interoperabbli bbażati fuq integrazzjoni aħjar tal-proċessi operazzjonali u skambju aħjar tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni.

F’dan il-kuntest, l-interoperabbiltà tal-organizzazzjonijiet tfisser l-integrar jew l-allinjar tal-proċessi operazzjonali ta’ bejn l-organizzazzjonijiet u l-ġhoti ta’ xejra formali lir-relazzjonijiet bejn il-fornituri tas-servizzi u l-konsumaturi tas-servizzi pubbliċi Ewropej.

4.3 L-involvement tal-partijiet ikkonċernati u s-sensibilizzazzjoni dwar l-interoperabbiltà

Kull inizjattiva ta’ interoperabbiltà għandha tissegjes fuq argument speċifiku għall-vijabbiltà li juri li l-interoperabbiltà hija investment ta’ min jidħol għalih u li l-ħtiġijiet tal-utent ikunu ssodisfati b’mod aħjar meta s-sistemi ta’ informazzjoni jkunu jistgħu jikkomunikaw bejniethom.

F’dan il-kuntest, l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom:

- i. jaraw kemm huma kbar il-benefiċċji prinċipali li jistgħu jinkisbu permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, u jikkomunikawhom, u
- ii. jiffavorixxu l-applikazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà u s-soluzzjonijiet li proposti minnu.

Bħala utenti aħħarin, in-negozji u ċ-ċittadini wkoll għandhom ikunu involuti fit-tfassil, fl-analiżi, fil-valutazzjoni u fl-evoluzzjoni tas-servizzi pubbliċi Ewropej. Għal dan l-għan, il-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà għandu azzjoni speċifika dwar l-involvement tal-utenti, biex jiġbor flimkien il-fehmiet u l-ħtiġijiet tan-negozji u taċ-ċittadini (inklużi dawk

²³ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 dwar ISA², l-Artikolu 1(2).

²⁴ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 dwar ISA², l-Artikoli 1 u 3.

b'diżabbiltà) b'mod parteċipattiv u kollaborattiv. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, kemm jista' jkun, imexxu t-tfassil u l-iżvilupp tas-servizzi pubbliċi abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti.

4.4 L-iżviluppar, il-manutenzjoni u l-promozzjoni tal-fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà

Illum il-ġurnata, l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom f'idejhom il-ġestjoni ta' ammonti kbar ta' dejta f'formati differenti filwaqt li jużaw metodi differenti ta' ġestjoni tad-dejta, iżommu aktar minn kopja waħda f'ħafna repożitorji differenti u ta' sikwit jippubblikawha fuq diversi portals fl-Ewropa kollha bla ebda armonizzazzjoni f'termini ta' kontenut u preżentazzjoni. Dan jispjega għaliex dawn jergġu jużaw l-informazzjoni li diġà jkollhom dwar iċ-ċittadini u n-negozji fi 48 % tal-każijiet biss²⁵. Minħabba f'hekk, it-tweqqif fil-prattika tas-servizzi pubbliċi ta' sikwit ikun jieħu ħafna ħin u jkun ta' skariġġ għaċ-ċittadini u għan-negozji. Dan jaf ukoll irawwem dubji fil-fiduċja b'rabta mal-protezzjoni tad-dejta.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, biex itejbu l-kwalità tas-servizzi pubbliċi Ewropej li jaslu għand l-utenti aħħarin b'mod diġitali, għandhom jiddefinixxu, jiżviluppaw, itejbu, jibdew joperaw, u jippromwovu sensiela ta' fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà,²⁶ kif ukoll iwettqu manutenzjoni tagħhom filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tad-dejta skambjata.

4.5 L-iżviluppar, il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' strumenti li jappoġġjaw l-interoperabbiltà

Huma u jfasslu, jimplimentaw u jużaw is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, l-Istati Membri jeħtieġu l-appoġġ ta' strumenti prattiċi, jiġifieri għodod, oqfsa, linji gwida u speċifikazzjonijiet, li huma neċessarji għall-kisba tal-interoperabbiltà fil-livell nazzjonali u bejn il-fruntieri. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu mill-ġdid tal-istrumenti li diġà jeżistu u jiżviluppaw ulterjorment oħrajn ġodda, b'mod partikolari:

²⁵ Kif indikat fit-Taqsima 4.3.2 Gvern elettroniku tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali (COM(2015) 192 final).

²⁶ Kif stipulat fl-Artikolu 2(14) tad-Deċiżjoni legali tal-ISA² "fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà" tfisser soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà (pereż. servizzi u għodod, standards u speċifikazzjonijiet) li huma neċessarji sabiex jippermettu t-tweqqif effiċjenti u effettiv tas-servizzi pubbliċi tul amministrazzjonijiet.

- l-Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà u l-Kartografija Ewropea tal-Interoperabbiltà²⁷;
- modi ta' valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-ICT tad-dritt tal-Unjoni²⁸ u l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni li jxekklu l-interoperabbiltà²⁹;
- il-“qafas għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid għas-soluzzjonijiet tal-IT” żviluppat fil-kuntest tal-programm ISA², biex jippromwovi u jtejjeb il-kondiviżjoni, l-iżvilupp kollaborattiv u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tal-IT (inkluż is-sors miftuħ) mill-amministrazzjonijiet pubbliċi.

5 STRUMENTI FINANZJARJI

Il-Kummissjoni se tappoġġja, tippromwovi u twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà, u tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà b'mod ġenerali, l-ewwel u qabel kolloxx permezz tal-programm ISA².

L-azzjonijiet ipplanati jistgħu wkoll ikunu kompletament jew parzjalment iffinanzjati minn strumenti oħra, pereżempju:

- Orizzont 2020³⁰ jista' jappoġġja l-azzjonijiet relatati mal-innovazzjoni fis-settur pubbliku³¹;
- il-Faċilità “Nikkollegaw l-Ewropa”³² tista' tappoġġja t-tixrid u l-użu ta' servizzi diġitali transfruntieri avvanzati ewlenin bħall-identifikazzjoni elettronika, l-akkwist pubbliku u s-servizzi tas-saħħa interoperabbli;
- il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej³³ jistgħu jappoġġjaw l-azzjonijiet relatati mat-tkabbir diġitali permezz tal-iżvilupp tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT³⁴ u dawk relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u tal-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi³⁵;

²⁷ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 dwar ISA², l-Artikolu 3(f).

²⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 dwar ISA², l-Artikolu 3(c).

²⁹ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 dwar ISA², l-Artikolu 3(d).

³⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), Brussell.

³¹ L-Isfida tas-Soċjetà 6 “L-Ewropa f'dinja li qed tinbidel – Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflessivi” ta' Orizzont 2020.

³² Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE.

³³ http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/legislation/guidance/.

³⁴ L-Objettiv Tematiku Nru 2 tal-FSIE.

³⁵ L-Objettiv Tematiku Nru 11 tal-FSIE.

- il-programm ta' sostenn għar-riforma strutturali³⁶ jista' jappoġġja l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-implimentazzjoni tad-dimensjoni nazzjonali tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà.

Strumenti finanzjarji oħra jistgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà jew il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà permezz ta' azzjonijiet b'mira f'oqsma politiċi speċifiċi.

6 IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR

L-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, u b'mod partikolari tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà, tista' tkun possibbli biss bis-saħħa ta' sjieda konġunta mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-programm ISA² għandu jkollha f'idejha l-governanza u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni u tal-monitoraġġ.

Il-Kummissjoni se toħloq qafas integrat għall-monitoraġġ, għall-valutazzjoni u għar-rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà. Dawn l-attivitajiet se jitwettqu bħala parti mill-kompetenzi tal-ħidma ta' osservazzjoni tal-interoperabbiltà fl-ambitu tal-programm ISA² billi jintużaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u miri li jistgħu jitkejlu.

Sa tmiem l-2019, il-Kummissjoni se tevalwa l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà. Abbażi tar-risultati tal-evalwazzjoni u f'konformità mal-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà għandhomx ikunu parti minn strument mandatorju.

7 IL-KONKLUŻJONI

Hemm kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li jsir aġġornament tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà li jeżisti bħalissa. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, l-Istati Membri, fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw minnufih l-isfidi attwali, jistgħu jadottaw approċċi individwali u diverġenti fir-rigward tal-interoperabbiltà. Dan iwassal għal soluzzjonijiet inkompatibbli li jistgħu jżidu l-frammentazzjoni diġitali fl-UE kollha u jimpedixxu s-suq uniku diġitali milli jsir realtà.

Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà l-ġdid issawwar f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u wara proċess wiesa' ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha rilevanti. Sabiex l-implimentazzjoni tiegħu tirnexxi se jkun meħtieġ l-involvement attiv tal-atturi kollha, speċjalment tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-azzjonijiet ippjanati se jiżguraw

³⁶ http://ec.europa.eu/about/srss/index_en.htm.

li l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà l-ġdid ikun jista' jikseb l-oġettiv aħħari tiegħu ta' servizzi pubbliċi utentċentriċi interoperabbli fl-UE.